Fit-Tribunal tar-'Review' tal-Ambjent u l-Ippjanar (Environment and Planning Review Tribunal)

PA 1350/2018

Joseph Gatt Id 91470M

vs

Awtorita tal-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 MAY 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Rikors ta'Joseph Gatt

Jesponi bir-rispett

Illi l-*minor amendment* suggett tal-Applikazzjoni numru 1350/2018 ma kienetx giet accettata da parti tal-Awtorita intimata b'mod assolutament illegali u ngust u minghajr raguni valida fil-ligi;

Illi ukoll minghajr raguni valida fil-ligi, l-intimata Awtorita nsistiet li l-esponenti jissottometti *full development permit* sempliciment sabiex iwahhal persjani mal-bied tal-*'open belcony'* tieghu;

Illi dan l-istat halla lil esponenti skopert ghall-possibilita li jekk ma jissottomettiex l-*full development permit* fil-hin, kien qed jiperikola, u fil-fatt ghadu jippreikola l-fondi li ghandu dritt ghalihom skond l-iskema tal-*'Restawra darek'*;

Illi b'decizjoni ddatata 21 April 2021, l-intimata, *Awtorita tal-Ippjanar* ddecidiet kontra kull dettami fil-ligi u fil-logika li kien hemm nvolut

*'masonry works'* fl-applikazzjoni meta l-esponenti, tramite il-Periti tieghu, senjatament il-Periti Robert Pace u l-Perit Lino Cachia kienu spjegaw *ad nauseam* fid-dettal lill-istess intimata, Awtorita tal-Ippjanar, li ma kien hemm ebda masonry works involuti fix-xogholijiet proposti mill-esponenti;

Illi minkejja dan, s-sitwazzjoni prezenti hi li l-esponenti ma jistax jissokta bix-xogholijiet proposti li jinvolvu biss installazzjoni ta'persjani fl-*open belcony* tieghu u b'hekk qieghed f'periklu car li jitlef d-dritt tieghu ghall-fondi tal-iskema fuq msemmija;

Illi l-insistenza illegali u illogika da parti tal-Awtorita intimata, fuq li l-esponenti kellu jintavola *full development permit*, meta x-xogholijiet in kwistjoni kienu biss dwar installazzjoni tal-persjani kkawzat u qed tikkawza hija assolutament illegali u ma taghmel ebda sens, u dan jirrizulta car anke min ezami fuq fuq tal-fatti tal-kaz, meta ghandek sempliciment applikazzjoni biex jinbidlu xi persjani jigu kklassifikati bhala zvilupp li fuqhom hemm bzonn *full development permit;*

Illi fil-fatt l-*full development permit* kellu jigi ntavolat biss u esklussivament minhabba l-insistenza illegali u abusiva da parti tal-Awtorita ntimata;

Illi x-xogholijiet li kienu saru saru qabel 2017 dejjem saru skond il-permessi li diga kienu nhargu snin qabel 2017

Illi bhalikieku dan ma kienx bizzejjed, l-Planning Authority imponiet multa lill-istess esponenti minhabba skond huma x-xogholijiet kienu nbdew minghajr s-sottomissjoni tal-*commencement notice* minghajr ma specifikaw ghal liema xogholijiet kienu qed jirreferu;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dan t-Tribunal li filwaqt li jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Planning Authority ddaatat 21 Aprll 2021 u johrog l-permess idoneju lill-istess esponenti sabiex jkun f'posizzjoni li jinstalla l-perzjani fuq il-bieb tal-*'open belcony'* li lilu jistenna ghalih aktar min tlett snin.

Avv. Joseph P. Bonello

Notifika : Awtorita tal-Ippjanar, St Francis Ravelin, Floriana

Rigward:
57/59,
Guardamangia Hill,
Pietà